MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 44/2008

**AB mart C D minnu legalment separata**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettit u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha (9) ta’ Dicembru tas-sena elfejn (2000) skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dolument “A”;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fl-

atti tan-Nutar Robert J. Muscat datat l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007);

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ukoll peress li nksieb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 [Kaptilu 255 tal-Ligijiet ta' Malta] li Jirregola z-Zwigijiet.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000) huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 [Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta] li Jirregola z-Zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jaqbel li z-zwieg iccelebrat ben il-kontendenti fid-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000) huwa null u bla effett skond il-ligi, u dan billi l-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll billi l-kunsens tal-istess rikorrenti kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-9 ta' Dicembru 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut jaqbel mat-talba ghall-annullament, ghall-istess ragunijiet imressqa mill-attrici.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Dicembru 2000 meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 24 sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin zmien twil. Wara konvivenza matrimonjali ta' seba' snin, fl-1 ta' Novembru 2007 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta li matul iz-zmien li kienu johorgu flimkien il-partijiet kienu jillitgaw ta' spiss, kemm fuq flus, kif ukoll minhabba l-involviment fil-politika da parti ta' l-attrici. Ghalkemm kienu ilhom johorgu flimkien seba' snin, il-partijiet ma kienux kuntenti bir-relazzjoni taghhom, izda kien hemm pressjoni qawwija da parti tal-genituri ta' l-attrici sabiex, jizzewgu. Dawna kienu jindahhlu fid-decizjonijiet li kienu jaghmlu l-partijiet, u kienu jimponu direttament fuq l-attrici u ndirettament fuq il-konvenut, tenut kont tal-fatt li dawn kienu ghenu hafna lill-partijiet.

Jirrizulta pacifiku li xi xaharjen qabel iz-zwieg, l-attrici riedet tittermina r-relazzzjoni, izda sabet pressjoni qawwija minghand ommha. L-attrici tghid: "F' dak iz-zmien jien lil

ommi kont nghidilha, isma' ma nixtieqx inkompli, u hekk, u ommi kienet tghidli li, la darba dahal hu, hawn gew d-dar ma jidhol hadd aktar….. Xi xaharejn qabel izzewwigna [kont ghidtilha li ma rridx inkompli u hi] qaltli, ma jistax ikun, il-problemi li ser tohloq, qaltli ghandkom il-post, qaltli jien mhux ser nidhol f' dawn l-affarijiet."[1] L-attrici tghid kategorikament li hi kienet izzewget kontra qalbha; u li kieku ma kinitx il-pressjoni da parti ta' ommha hi ma kinitx tizzewweg.

Illi l-konsegwenzi ta' din il-forma mentis ta' l-attrici fil-mument taz-zwieg, mmanifestaw ruhhom kwazi mill-bidunett taz-zwieg, ghax meta zzewget u sabet ruhha fil-liberta', minghajr l-indhil tal-genituri taghha, hija bdiet tohrog u tfittex il-hbieb. Kienet bdiet turi riluttanza li taghmel l-att taz-zwieg mal-konvenut, allura zewgha. Hija tghid li l-konvenut kien javvicinaha ta' spiss, izda hi kienet iggib hafna skuzi sabiex l-att taz-zwieg ma jsirx jew jigi pospost ghall-weekend. Il-konvenut jghid li lill-attrici "jien kont infittixha, hi qatt ma fittxitni, u konna niggieldu fuq dawn l-affarijiet. Konna niggieldu hafna fuqha din il-haga."[2]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li dan iz-zwieg qatt ma messu sar, stante li sa minn qabel, l-attrici kienet qieghda turi r-riluttanza taghha li tidhol fiz-zwieg; izda l-pressjoni da parti tal-genituri taghha kienet tali li nehhitilha l-libera volonta' taghha, bir-rizultat li hi kienet ikkonsentiet ghar-rieda tal-genituri taghha, u f' dan is-sens il-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-

[1] Fol.20
[2] Fol.35 u 36

partijiet fid-9 ta' Dicembru 2000. L-ispejjez ikunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------